MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 107/2010

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tat-tifel minuri D; E F, u l-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsemmi minuri, izda sussegwentement estromessi mill-kawza; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu u l-konvenuta C B qedin fi proceduri ta' separazzjoni personali; li l-istess konvenuta weldet it-tifel D fit-2 ta' Jannar 2010 minn relazzjoni adultera mal-

konvenut E F; li ghalhekk l-attur mhuwiex il-missier naturali ta’ dan it-tifel; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li t-tifel D B mhuwiex il-wild naturali ta’ l-attur, u [2] tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifel, numru 219/2010;

Rat ir-risposta guramentata kongunta tal-konvenuti C B u E F, li biha ammettew it-talbiet hekk kif dedotti, filwaqt li rrizervaw il-pozizzjoni taghhom rigward il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li, wara li ssolleva eccezzjoni ta’ natura procedurali li sussegwentement giet sorvolata b’ korrezzjoni ordnata minn din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta’ Novembryu 2010, eccepixxa li l-attur ghandu jipprova l-ezistenza tac-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 70[1] tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D li twieled mill-konvenuta C B fit-2 ta’ Jannar 2010, u registrat fl-att tat-twelid numru 219/2010 bhala l-wild tieghu, fil-fatt mhuwiex il-wild naturali ta’ l-istess attur; u qed jitlob ukoll id-debiti korrezzjonijiet fl-istess att tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li pendenti s-separazzjoni bejn l-attur u martu l-konvenuta C B, din telqet mid-dar konjugali u marret tikkonvivi mal-konvenut E F.

Illi minn din ir-relazzjoni adulteruza twieled it-tifel D fit-2 ta’ Jannar 2010; u huwa pacifiku bejn il-partijiet li dan it-tifel mhuwiex il-wild naturali ta’ l-attur, stante li mis-sena 2006 ‘il quddiem dan ma kellux relazzjonijiet intimi ma’ martu.

Illi r-rizultanzi xjentifici tad-DNA jikkonfermaw it-tezi tal-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel D li twieled mill-konvenuta C B fit-2 ta’ Jannar 2010 mhuwiex il-wild naturali u bijologiku ta’ l-attur; ukoll tordna l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament u fi kwoti wgwali mill-konvenuti C B proprio u E F.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------